# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sarah Kathleen Zerafa)**

**vs**

**Denise Camilleri**

**Kumpilazzjoni Numru 176/2021**

**Illum 08 ta' Gunju 2021**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmija Denise Camilleri ta' 35 sena, bint Alfred Camilleri u Josephine Camilleri xebba Schieda, imwielda l-Pieta' nhar l-14 ta' Novembru 1984, residenti gewwa Leoban, Fl 1, Triq tal-Barrani, Tarxien u detentrici tal-karta tal-identita' Maltija numru 550484M.

Akkuzata talli fl-1 ta' Lulju 2015, u/jew fi zminijiet ta' wara, gewwa Leoban, Fl 1, Triq tal-Barrani, Tarxien, u/jew fi bnadi ohra f'dawn il-gzejjer:-

1. B'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamlet użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdiet b'qerq ieħor, ingann, jew billi uriet ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel jitwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex tqanqal

tama jew biża’ dwar xi ġrajja kimerika, ghamlet qligħ bi ħsara ta’ ħaddieħor u dan ghad-dannu ta’ Tiodolica Agius u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra, bi ksur tal-artikolu 308 tal-kap 9 tal-ligijiet ta Malta;

2. Ghamlet xi qliegh iehor b’qerq, mhux imsemmi fl-artikoli ta’ qabel ta’ dan is-sub-titolu (Sub-titolu III, Fuq il-Frodi) ghad-dannu ta’ Tiodolica Agius u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra, bi ksur tal-artikolu 309 tal-kap 9 tal-ligijiet ta Malta;

3. Għamlet falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħolqot pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi għad-dannu ta’ Tiodolica Agius u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra u dan bi ksur ta l-artikolu 183 tal-kap 9 tal-ligijiet ta Malta;

4. Xjentament ghamlet uzu minn att, kitba jew skrittura falza msemmija fl-artikoli ta’ qabel ta’ dan is-sub-titolu (Sub-titolu II, Fuq il-falstifikazzjoni ta’ skritturi ohra publici jew privati) tal-kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta bi ksur tal-artikolu 184 tal-kap 9 tal-ligijiet ta Malta;

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena stabbilita mil-Ligi, tordna lill-akkuzata sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Finalment il-Qorti giet mitluba wkoll li f’kaz ta’ htija t’ordna direttiva li tobbliga lill-hatja li tirrestitwixxi lill-parti offiza kull haga minnu misruqa jew akkwista bi qliegh iehor kontra l-ligi jew permezz tar-reat li dwaru jkun gie misjub hati.

Il-Qorti

Rat li waqt l-udejnza mizmuma llum minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u kkonfermat din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtha zmien tikkunsidra l-pozizzjoni taghha.

Rat l-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ai termini ta’ liema u, in vista ta’ l-ammissjoni inkondizzjonata ta’l-imputata, il-Qorti ikkonvertiet f’Qorti ta’ Gudikatura Kriminali.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati li taghhom qed tinstab hatja l-imputata u l-fedina penali taghha u min-naha l-ohra l-ammissjoni ta'l-imputata fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-fatt li l-imputata hija lesta li tirrifondi l-ammonti dovuta lill-parte leza; huma fil-fatt qablu dwar l-ammont dovut.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 183, 184, 308, 309 u 310(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputata hatja ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggiha taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' sentejn bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment inkluz dak li thallas lill-parte leza l-ammont dovut.

Il-Qorti spjegat lill-imputata fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk ma toqghodx ghall-ordnijiet lilha mghotija u jekk tikkommetti reat iehor fi zmien sentejn.

Il-Qorti qed tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur ta'l-ufficju tal-probation.

**DR. DOREEN CLARKE LL.D**
**MAGISTRAT**